# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 357/96**

**Numru 26**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Andrei Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li permezz tieghu l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' mija, tlieta u hamsin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm153.12,0) dovuta lilu peress li sar hlas zejjed fl-allowance tal-konvenut ghall-perijodu bejn Jannar u Frar 1993, waqt li l-konvenut kien isegwi kors ta' diploma fin-Nursing.

Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Awissu 1995 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt kif wkoll fid-dritt, stante li l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur nomine.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 1996 (a fol 9 tal-process) in konnessjoni mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll dak sussegwenti tal-4 ta' Frar 1997 (a fol 10 ibid) fejn gie dikjarat li l-artikolu rilevanti kien dak bin-numru 2149(e) tal-Kodici Civili.

Rat ukoll il-verbal a fol 11 tal-process meta l-attur issottometta li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma hiex ammissibbli a basi tal-artikoli 2155 (korrettement 2115) (2) ibid kif ukoll dak a fol 13 tal-process meta il-konvenut irrefera ghall-artikolu 2153 ibid.

Rat ir-rikors a fol 17 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess attur.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut qed jibbaza l-eccezzjoni preliminari in esami fuq dak li jinghad fl-artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili ossija l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn stipulat in rigward "actions of the Government of Malta for the payment of judicial fees, customs or other dues" li, minhabba l-kliem generiku uzat, ghandha tinkludi ukoll pagamenti maghmulin indebitament. In rigward dan il-punt, l-attur irrefera ghall-artikolu 2115(2) tal-istess Kodici fejn jinghad "..... prescription may not be set up against any right or action of the Government of Malta eccept in the cases mentioned in sections 2149, 2153, 2154, 2155 and 2156".

Illi, mill-premess jidher b'mod car u evidenti li tista' tinghata din l-eccezzjoni kontra l-Gvern stante li giet proposta taht l-artikolu 2149(e) gja citat.

Ikkunsidrat

Illi b'referenza ghall-kaz in desamina, l-attur qed jitlob rifuzjoni ta' hlas zejjed fl-"allowance" imhallas lill-konvenut ghall-perijodu bejn Jannar u Frar 1993. Jidher mill-istess avviz illi bejn dan il-perijodu u l-ittra ufficjali imsemmija fih u presentata fl-1 ta' Awissu 1995, iddekorrew

aktar minn sentejn minghajr li, fil-frattemp gie interrott permezz ta' xi att gudizzjarju jew permezz ta' ammissjoni ta' debitu taht xi forma da parti tal-istess konvenut.

Ikkunsidrat

Illi dan, premess jidher li ghalhekk din l-eccezzjoni trid tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut a basi tal-artikolu 2149(e) citat u tiddikjara din l-azzjoni bhala preskritta, bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Alan Calleja
Dep.Reg